MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2011

Numru. 66/2011

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Rodney Joe Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra 'l hawn fuq imsemmi Rodney Joe Farrugia, iben Consiglio u Loreta nee' Xerri, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar it-18 ta' Settembru, 1989, residenti fil-fond numru 42, Triq Simirat, Ghajnsielem Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 37689(G) li gie akkuzat talli nhar il-15 ta' Jannar 2011, u fil-granet ta' qabel gewwa r-Rabat, Ghawdex u gewwa diversi postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer, f'hinijiet differenti;

1) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-13 ta' Mejju 2011;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra l-istess;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali netta tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti u dana peress illi ma jirrizultax li gew imqabbda l-ebda esperti.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-dokument FT 1 u tordna lill-Prosekuzzjoni sabiex taghmel dan.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------